15 ta' Diċembru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Nobbli Charles Sant Fournier ne. *versus* Paul Muscat**

## Preskrizzjoni — Sentenza — Spejjeż Ġudizzjarji — Imgħax — Ratizzazzjoni.

*L-ispejjeż ġudizzjarji huma parti integrali mis-sentenza, u għalhekk il-kreditu għall-ispejjeż ma huwa kolpit minn ebda preskrizzjoni brevi. Tant, li, ħlief fil-każ ta' kawżi għar-ratizzazzjoni tagħhom, meta l-likwidità ta' l-ispejjeż tkun tiddependi minn ratizzazzjoni, ebda kundanna oħra barra minn dik li hemm fis-sentenza stess ma tista' tintalab.*

*Anki l-imgħax akkordat bis-sentenza hemm ġudikat dwaru; u l-preskrizzjoni ta' l-imgħax tibda timxi mill-ġurnata tas-sentenza 'l-quddiem.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine ppremetta illi għaddew aktar minn tliet snin minn meta s-sentenza infraskritta setgħet tiġi eżegwita; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, huwa jiġi awtorizzat jipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Frar 1942 fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Gatt Rutter, M.B.E. bħala General Manager tad-ditta 'M. Muscat' vs. Paul Muscat" (dok. A), u dan għas-somma ta' £513. 11. 10, mill-konvenut dovuta in kwantu għal £405. 12. 2 għal sorti kanonizzata bl-imsemmija sentenza, in kwantu għal £86. 1. 2 għall-interessi skond il-prospett anness (dok. B), konteġġjati sat-13 ta' Diċembru 1951, salv il-konteġġ ta' l-interessi ulterjuri, u in kwantu għal £21. 18. 6 għall-ispejjeż ġudizzjarji skond taxxa (dok. C); u dana non ostanti d-dekorriment taż-żmien fuq imsemmi minn meta ċ-ċitata sentenza setgħet tiġi eżegwita. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-27 ta' Ġunju 1951, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża fuq il-pont tal-preskrizzjoni, ikkunsidrat;

Il-kreditu għall-ispejjeż ġudizzjarji ma hux kolpit bl-ebda preskrizzjoni brevi, għaliex l-ispejjeż ġudizzjarji huma parti integrali tas-sentenza; tant li, ħlief fil-każ ta' kawża għar-

ratizzazzjoni tagħhom, meta l-likwidità ta' l-ispejjeż tkun tiddependi minn ratizzazzjoni, ebda kundanna oħra barra minn dik li hemm fis-sentenza stess ma tista' tintalab (P.A. "Galea vs. Miller", 19 ta' Frar 1874, konf. Appell 18 Nov. 1874). Għalhekk, kwantu għall-ispejjeż, l-eċċepita preskrizzjoni ma hemmx;

Kwantu għall-imgħax, kif jidher mill-prospett fol. 7, il-kalkolu tagħhom jibda mit-2 ta' Awissu 1940. Però, minn dik id-data sad-data tas-sentenza li tagħha qiegħda tintalab l-eżekuzzjoni (fol. 20), ċjoè sas-26 ta' Frar 1942, dawk il-lukri ġew akkordati bis-sentenza, u għalhekk sa dik id-data hemm il-ġudikat għalihom. Għalhekk għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni għandhom jiġu kunsidrati l-lukri mid-data tas-sentenza 'l-quddiem. Issa, mill-provi............ jirriżulta li l-kwinkwennju tat-terminu preskrizzjonali ġie dejjem suċċessivament interrott, sija bil-fatt li l-konvenut, bla ebda riżerva, awtorizza lill-attur nomine li jbiegħ karrozzi tiegħu u jimputa r-rikavat għak-kont tad-dejn, sija bil-pagamenti akkont kalendati fil-prospett fol. 7, sija bit-talbiet għal konċessjoni ta' dilazzjoni li l-konvenut kien jagħmel lix-xhud Cremona, kif ukoll bil-ħlas mill-War Damage Commission, imputat mill-attur nomine akkont tad-dejn bil-kunsens u awtorizzazzjoni tal-konvenut. Dawn l-interruzzjonijiet bdew fl-1943 (ara dok. fol. 25 tal-proċess l-ieħor);

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax ma hijiex sostnuta, u l-Qorti tirrespinġiha, bl-ispejjeż kontra l-konvenut eċċipjent;

Il-kawża tibqa' għat-22 ta' Jannar 1952, għat-trattazzjoni ulterjuri.